MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 580/2007

Talba Numru. 580/07

**Maltacom P.L.C – C 22334 u b'digriet tal-4 ta' Dicembru, 2007**
**inkitbet korrezzjoni fis-sens li l-isem Maltacom P.L.C inbidel ghal Go P.L.C.**

**-vs-**

**Richard Azzopardi**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitta u hamsin Euro u sittin centezmu (€656.60) – (Lm281.88c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21652689 skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-Avviz mmarkati Dokument A u B. Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa'

inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz kontra l-konvenut u li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija u sitta u hamsin Euro u sittin centezmu (€656.60) – (Lm281.88c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------